

Nicole Fontaine: Politiku u edukatriċi (1942-2018)



It-tieni President mara tal-Parlament Ewropew kienet politiku persważiv u difensura dedikata tal-Ewropa li rat l-adozzjoni tal-euro. Nicole Fontaine, li kienet il-President bejn l-1999 u l-2002, xprunat ir-riforma tal-metodi ta' ħidma tal-Parlament Ewropew biex ikun eqreb lejn iċ-ċittadini Ewropej.

Fl-ewwel diskors tagħha lill-Kunsill Ewropew f'Tampere, il-Finlandja, f'Ottubru 1999, hija enfasizzat l-importanza li jittieħed kont tat-tħassib ta' kuljum tan-nies. Hija argumentat favur "approċċ ambizzjuż immirat biex jipprovdi lill-Unjoni b'karta tad-drittijiet fundamentali". F'Diċembru 2000, hija ffirmit il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali f'isem il-Parlament Ewropew.

Fontaine kienet edukatriċi kif ukoll politiku. Hija kienet professoressa fl-ESCP Europe, l-eqdem skola tal-kummerċ fid-dinja, u kienet il-President tal-katedra Jean Monnet fl-Università ta' Nice Sophia Antipolis.

Is-snin bikrin

Imwiela fis-16 ta' Jannar 1942 fi Grainville-Ymauville, in-Normandija, Nicole Fontaine kienet it-tifla ta' tabib u n-neputija ta' għalliema tal-iskejjel primarji. Studjat il-liġi u saret membru tal-Kamra tal-Avukati tad-*department* ta' Hauts-de-Seine, iżda l-edukazzjoni kellha tibqa' importanti għaliha.

Fontaine kienet qed tgħix fil-Kwartier Latin ta' Pariġi matul l-irvellijiet tal-istudenti u tal-ħaddiema tal-1968. Kienet għadha kif sipċċat l-istudji tagħha fl-*Institut d'Etudes Politiques de Paris* (l-Istitut tal-Istudji Politiċi ta' Pariġi) u kienet qed tistenna l-ewwel wild tagħha. Hi tiddekrivi lilha nnifisha aktar bħala "*osservatur tal-ġrajjiet aktar milli partecipatriċi*". Wara l-protesti ta' Mejju 1968, hi realizzat li l-bidla inevitabbli fis-soċjetà Franċiża kienet meħtieġa aktar minn qatt qabel.

Fontaine bdiet il-karriera tagħha fis-*Secrétariat général de l'Enseignement catholique* (Is-Segretarjat ġenerali Kattoliku għall-Edukazzjoni), responsabbli għar-relazzjonijiet bejn is-settur privat tal-edukazzjoni u l-awtoritajiet pubbliċi. Wara kellha sehem ewlieni fil-bidliet leġiżlattivi u statutorji li sawru l-qafas legali f'dan il-qasam. Hija kienet membru tal-*Conseil Supérieur de l'Éducation Nationale* (il-Kunsill Superjuri Nazzjonali Franċiż tal-Edukazzjoni) mill-1975 sal-1981 u membru tal-*Conseil économique et social* (il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali) mill-1980 sal-1984. Fontaine kisbet prominenza akbar matul id-dibattiti nazzjonali dwar l-edukazzjoni privata u ġiet eletta fil-Parlament Ewropew f'Ġunju 1984.

Il-karriera politika

Mill-bidu nett tal-karriera parlamentari tagħha, Nicole Fontaine ħadmet għal Ewropa taċ-ċittadini, li tiffoka fuq il-proġetti rigward l-edukazzjoni taż-żgħażaġh u r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki akkademiċi, kif ukoll id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Hija serviet darbtejn bħala l-Viċi President, mill-1989 sal-1994 u mill-1994 sal-1999. Hi nnegożjat ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri dwar leġislażżjoni kruċjali, inklużi żewġ programmi tal-UE għaż-żgħażaġħ (Socrates u Żgħażaġħ għall-Ewropa). Il-ħiliet diplomatiki tagħha kienu rikonoxxuti b'mod wiesa'. Fl-1999, The Economist iddeskrieviha bħala *"bniedma li tfittex il-konsensus, taf tibni koalizzjoni, rikonċiljattri... imkien ma tħossha aktar komda mill-kurituri Biżantini tal-Ewropa, filwaqt li tfittex l-appoġġ mill-partiti kollha, itteptep tbissimitha u tissett kompromess"*.

Nicole Fontaine ġiet eletta bħala l-President tal-Parlament Ewropew fl-20 ta' Lulju 1999. L-ewwel test tagħha kien il-ħatra ta' Kummissjoni ġdida immexxija minn Romano Prodi wara l-kollass tal-Kummissjoni Santer f'Marzu 1999. Hija kienet tgawdi relazzjonijiet tajba kemm mal-Kummissjoni l-ġdida kif ukoll mal-Istati Membri fil-Kunsill tal-Ministri.

Filwaqt li ħadmet bla heda għad-djalogu u l-paċi, Fontaine baqgħet magħrufa għat-tlaqqiġ flimkien tal-Presidenti tal-parlament Iżraeljan u dak Palestinjan. Kienet ġrajja storika li seħħet fi Strasburgu fl-2000 li fiha dawn it-tnejn ħadu b'idejn xulxin. F'April 2001 hija stiednet lill-Kmandant Ahmad Shah Massoud, il-Viċi President tal-Afganistan, biex iżur Strasburgu sabiex jtkellem dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżu. Hija kienet imħassba b'mod partikolari dwar is-sitwazzjoni tan-nisa Afgani. Fix-xahar ta' wara hija stiednet fil-Parlament Ewropew tliet nisa, li b'mod sigriet kienu ħarbu minn Kabul, biex jagħtu x-xhieda tagħhom. Hi ddeskriviet il-laqqgħa bħala fost "l-aktar mumentu kommoventi" tal-Presidenza tagħha.

Fl-2002, Fontaine ħalliet il-Parlament Ewropew biex saret il-Ministru tal-Industrija ta' Franza fil-Gvern ta' Jean-Pierre Raffarin. Bejn l-2004 u l-2005, hija mexxiet il-Fondazzjoni Scelles li tiġġield

kontra l-isfruttament sesswali. Hija reġgħet ġiet eletta fil-Parlament Ewropew fl-2004. Nicole Fontaine kienet ukoll Professoressa affiljata fl-ESCP Europe, u kitbet għadd ta' kotba dwar il-ħidma tal-Parlament Ewropew.

Sal-aħħar snin ta' ħajjitha, Nicole Fontaine kienet imdaħħla sew fil-fond tad-dibattitu dwar kif tista' titjeb l-Unjoni Ewropea. Eżatt qabel ir-referendum tar-Renju Unit dwar is-sħubija fl-UE, f'Ġunju 2016, flimkien mal-ġurnalista Franċiż François Poulet-Mathishija, ippubblikat, *Brexit, Une Chance? Repenser l'Europe* (Brexit: Opportunità? Naħsbu mill-ġdid dwar l-Ewropa). Il-ktieb jagħti ħarsa oġġettiva lejn ir-raġunijiet għall-iskuntentizza pubblika bl-UE. Minn dejjem difensura tal-Ewropa, Nicole Fontaine ffokat fuq kif tista' tbiddilha f'opportunità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tissaħħaħ l-Unjoni Ewropea.

Nicole Fontaine mietet fis-17 ta' Mejju 2018 fl-età ta' 76. Id-devozzjoni tagħha għall-ideali Ewropej tagħha ġiet rikonoxxuta matul ħajjitha b'għadd ta' premijiet, fosthom il-Medalja Robert Schuman u l-*Commandeur dans l'Ordre National du Mérite*.



Nicole Fontaine tilqa' lill-politiku Afgan u l-mexxej militari tal-Alleanza tat-Tramuntana Ahmad Shah Massoud matul iż-żjara tiegħu fil-Parlament Ewropew fi Strasburgu fl-2001.